**MINUTI**

**Laqgha tal-Kunsill Lokali l-Gharb**

**Laqgha Nru. 10**

**Data:** **27 ta' Frar, 2020**

**Hin:** **8.00am**

**Post:** Ufficcju Amministrattiv, Kunsill Lokali l-Gharb

---

**Il-laqgha bdiet b'dawn il-membri prezenti:-**

| | |
|---|---|
| *David Apap Agius* | *Sindku* |
| *Louis Apap* | *Vici Sindku* |
| *Tonio Mifsud* | *Kunsillier* |
| *Joseph Mizzi* | *Kunsillier* |
| *Miriam Borg* | *Kunsillier* |
| *Emily Amatulli-Depasquale* | *Segretarju Ezekuttiv* |

---

10.1 Qari tal-ittri ta' apologiji

10.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

10.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

10.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

10.5 Korrispondenza u Rapporti

10.6 Approvazzjoni ta' l-Unaudited Financial Statements

10.7 Kwotazzjonijiet

10.8 Attivitajiet ta' l-Ewwel Kwart

**IFFIRMATA**
David Apap Agius
Sindku

**IFFIRMATA**
Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv

10.9 Progetti u Xogholijiet

10.10 *Full-Time Clerk* u approvazzjoni tal-Haddiema CIES

10.11 Skeda ta’ Pagamenti

10.12 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss.

---

10.1 Qari tal-ittri ta’ apologiji

10.1.1 Ma kienx hemm ittri ta’ apologiji.

10.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

10.2.1 Il-Minuti gew approvati bhala dokument korrett.

10.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

10.3.1 Is-Sindku spjega li sar survey mandatorju fil-progett permanent mobility beneficjari tal-progett dwar l-uzu tal-muturi fejn jidher li t-tfal qed jiltaqghu ma’ problema biex jilhqu l-uzu mistenni ghar-raguni li hafna minnhom dawn matul il-gimgha qeghdin jattendu l-Universita’ ta’ Malta. Saret diskussjoni fejn is-Sindku ssugerixxa li jsiru zewg skedi wahda ghax-xhur tas-Sajf u ohra ghax-xhur tax-Xitwa. Flimkien ma’ dan huwa ssugerixxa ukoll li jsir incentiv ghal min jaghmel l-iktar uzu minnu. Il-Kunsill qabel ma’ dawn is-suggerimenti. Gie diskussa ukoll problema ohra fejn qed jigi innotat li genituri tat-tfal qeghdin jaghmlu uzu mill-muturi minflok uliedhom. Dawn il-kazijiet gew diskussi u l-Kunsill qabel li ghandu jibghat ittra lilhom kollha fejn jigi spjegat li jekk ikun hawn m inn dawn il-kazijiet il-muturi ser jittiehdu lura. Is-Sindku ssugerixxa li jinhareg avvizi biex jigi identifikat jekk hemmx interess ghal dawk li ser jaghlqu sittax-il sena fejn dawn jintalbu jikkuntatjaw lill-Kunsill biex japplikaw.

10.3.2 Gie diskuss is-*second class water* fejn is-Sindku ssugerixxa li peress li Triq Tumas Cassar u Triq il-Madonna tal-Virtu’ kien ghadhom ma tlestewx jigi esplorat il-possibilita’ li jghaddi s-*second class water* minn dawn iz-zoni biex finalment jasal fil-Wied ta’ Gulja fejn hemmhekk ikun accessibli ghal kulhadd u jkun jista’ jkollu access ukoll ghal Wied il-Mielah. Tonio Mifsud ssugerixxa li ssir applikazzjoni mall-Ministeru kkoncernat. Fuq dan is-suggeriment gie spjegat li din is-servizz jaghmel mil-WSC. Il-Kunsill qabel ma’ din il-proposta.

10.3.3 Is-Sindku spjega li persuna residenti fil-lokalita’ kienet qeghda tahdem mall-Kunsill sabiex il-loghba tal-Brilli tidhol bhala parti mill-inventarju tal-Unesco. Din il-persuna talbet sabiex isir tip ta’ mafkar bhal xi plakka biex ifakkar din il-loghba fil-post fejn jilghabu. Is-Sindku qal li din hija parti mill-wirt storiku tar-rahal

taghna u ghandna naghtu kull support. Fuq dan il-punt, Tonio Mifsud ssugerixxa sabiex isiru hbula li jaghlqu z-zona fejn isir il-loghob sabiex persuni li jkunu qed jaraw il-loghba ma jtellfux lill-partecipanti. Tqajjmet id-diskussjoni fejn gie innotat li fil-post hemm diga tabella ta' 'no parking' ghal dan il-ghan. Apparti minn dan it-triq ma tistax tinghalaq minhabba li din tuza zona kbira u ghalhekk tohloq inkonvenjent u twaqqaf is-servizz tat-trasport publiku. Miriam Borg issugeriet li jsiru tabelli 'Slow' ghat-traffiku li jkun gej. Il-Kunsill qabel ma' dan is-suggeriment u ghandu jghaddi dan is-suggeriment lill-grupp tal-brilli. Joseph Mizzi staqsa dwar kif u fejn ser tehel il-plakka fejn huwa ssugerixxa li ssir gebla u tehel maghha. Is-Sindku qal li s-sid tal-post fejn kien suggerit li tehel ma ridtx li tehel mall-post tieghu u ghalhekk fuq suggeriment tal-grupp din ser tehel wieqfa fuq il-bankina. Is-Sindku gibed l-attenzjoni ta' Joseph Mizzi li ma jistax jiehu inizjattivi f' isem il-kunsill minghajr l-approvazzjoni. Is-sindku qall li din hija it-tini darba li qed jigbed l-attenzjoni dwar dan. Tkompliet id-diskusjoni fejn is-Sindku ppropona li l-attivita' ssir fil-21 ta' Gunju fejn ghalija jigi mistieden il-Ministru ghal Ghawdex u l-Kunsilli. Tonio Mifsud ssugerixxa li l-attivita' ssir filghaxija. Gie diskussa din il-proposta fejn gie spjegat ukoll li l-istess grupp kien talab li ssir filghodu. Tonio Mifsud qal li tista' ssir ukoll poezija. Is-Sindku qal li ser jiddiskuti mall-grupp u jiddependi x'iridu huma. Gie ssugeriet mis-Sindku li t-tfal jilbsu ilbies tradizzjonali u gie ssugeriet ukoll li ssir quddiesa fuq il-post fejn fl-istess hin jigi ccelebrat Jum il-Missier.

10.3.4 L-Infiorata ta' zmien il-Ghid, is-Sindku informa lill-membri li din ser issir bil-melh u mhux bic-cana kif kien mahsub li x'aktarx isir.

10.3.5 Is-Sindku qal li bhal kull sena l-Kunsill iqassam Bajd tal-Ghid / Figolli lit-tfal tal-parrocca wara l-purcissjoni ta' l-Irxoxt. Il-Kunsill qabel li din is-sena ghandha ssir din l-attivita' bhas-soltu. Is-Sindku qal li huwa kien tkellem ma' l-Arcipriet dwar x'jista' jsir ghall-anzjani fejn huwa kien issugerixxa li ssir harga u wara *get together* gewwa c-Centru. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

10.3.6 Fir-rigwrad ta' l-attivita' taz-zghazagh li giet diskussa precedentament, is-Sindku qal li huwa kien tkellem ma' Fr. Samuel u ghogbitu l-ideja pero' kien ser jiccekkja d-data u jerga' jkellem lill-Kunsill.

10.3.7 Is-Sindku ppropona li ssir harga gewwa Ghawdex bit-train fejn issir harga segwita b'ikla u tombla. Il-Kunsill qabel li din l-attivita' ghandha ssir fit-18 ta' Marzu, 2020.

10.3.8 Saret referenza ghall-kors Rescue and Emergency Team fejn intalbet kwotazzjoni ghal sezzjonijiet ta' tahrig fejn dan ser ikun ta' €110 ghal kull persuna. Dan it-tahrig jinkludi Healthy and Safety, First Aid u Basic Fire Fighting. Is-Sindku ssugerixxa li jinhargu applikazzjonijiet ghal min jixtieq li jinghaqad ma' dan il-grupp kif ukoll jattendi ghat-tahrig. Giet diskussa kif ser tkun is-shubija fejn gie issugerit li min jixtieq li jissieheb irid ihallas *commitment fee* ta' €25 u

**IFFIRMATA**
David Apap Agius
Sindku

**IFFIRMATA**
Emily Amatulli-Depasquale
Segretarju Ezekuttiv

jekk jibqa' imsieheb ghal hames snin din il-*fee* jehodha lura. Miriam Borg issugeriet li jekk wiehed jibqa' fil-grupp ghal hames snin ikollu *update* tat-tahrig b'xejn. Tkompliet id-diskussjoni fejn il-Kunsill qabel li ghandu johrog ir-reklam u wara jerga jiddiskudi skond il-*feedback* li jkun hemm.

**10.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

10.4.1 Giet trattata mistoqsija minghand Joseph Mizzi fir-rigward tar-rotta tat-Transport Pubbliku prezenti. Is-Sindku spjega li din kienet diga giet diskussa fil-Kunsill precedentament u kien hemm talba sabiex it-transport pubbliku jidhol l-Gharb, San Lawrenz u Ghasri kif kien isir qabel. Huwa qal li din kienet giet diskussa u l-Kunsill ta' l-Ghasri ma kienx qabel ma' dan is-suggeriment. Tkompliet id-diskussjoni fejn Joseph Mizzi ssugerixxa li n-nies ikunu jistghu jistennew fejn is-sigra ta' Pinu.

10.4.2 Giet trattata mistoqsija ohra minghand Joseph Mizzi fir-rigward ta' l-indafa fejn staqsa jekk jistghux isiru aktar bins fi Pjazza San Pietru u fiz-zona tal-madwar. Is-Sindku staqsa lil Joseph Mizzi x'tip ta' bins kien qed jirreferi ghalihom. Joseph Mizzi qal li huwa kien qed jirreferi ghal bins in generali. Is-Sindku qal li huwa kien tkellem mall-persuna li huwa responsabbli mit-tindif taz-zona fejn huwa qal li huwa ma kienx qed issib problemi. Joseph Mizzi qal li kien innotat li kien qed ikun hemm pakketti tas-sigaretti vojta forsi anke minn dawk li jkunu jilghabu l-brilli. Is-Sindku qal li allura li hemm bzonn huma bins tipo ta' *ash trays*. Is-Sindku qal li dawn jistghu jkunu parti mill-*embellishment* taz-zona li qeghda fil-pjan li ssir. Is-Sindku zied jghid li fiz-zona ta' San Pietru kien hemm persuna li kienet qeghda thalli l-boroz is-suwed f'hinijiet li ma jkunux dawn tal-gbir. Fuq dan il-punt il-Kunsill qabel li ghandha ssir *bye law* li tirregola is-sidien u l-operat tal-farmhouse. Miriam Borg issugeriet li ssir laqgha ghas-sidien tal-farmhouses fejn fix-xhur tas-Sajf huma ihallsu xi haga extra u ssir gabra extra ghalihom biss. Fuq dan il-punt il-Kunsill qabel li ghandu jigi kkuntatjat il-kuntrattur responsabbli. Is-Sindku ssugerixxa ukoll li lir-residenti jinghatalhom boroz ta' kulur differenti sabiex dawn jigu identifikati. Il-Kunsill qabel li jigbor l-informazzjoni dwar stabilimenti registrati minghand il-Malta Tourism Authority jew minghand il-Gozo Tourism Association sabiex wara jigu notifikati li ser issir laqgha u fiha jsiru l-proposti.

**10.5 Korrispondenza u Rapporti**

10.5.1 Gie trattat ilment fir-rigward ta' hsara fil-karozza li saret minhabba s-sitwazzjoni ta' Triq il-Madonna tal-Virtut. Il-Kunsill iddiskuta l-ilment u qabel li ghandha tintbghat lil ta' l-Assikurazzjoni u lill-Avukat tal-Kunsill.

10.5.2 Giet trattata talba ghal disabled parking fi Triq l-Arcipriet G. Camilleri. Din giet diskussa mill-Kunsill u sar qbil li din ghandha ssir.

10.5.3 Gew trattati s-segwenti applikazzjoni ghal permess ta' zvilupp bin-numru PA00696/20, PA00559/20, PA00782/20, PA00848/20, PA00879/20, PA00943/20, PA00992/20, PA01001/20, PA00907/20 u RG03127/19 fejn il-Kunsill ma sab ebda oggezjoni u tali decizjoni ghandha tkun komunikata lil PA.

**10.6 Approvazzjoni ta' l-*Unaudited Financial Statements***

10.6.1 Gew prezentati l-*unaudited financial statements* fejn gie spjegat li dawn kienu ghadhom iridu jigi verifikati mill-awdituri. Skond dan ir-rapport jidher li l-Kunsill qieghed *breakeven* u li ma jidhirx li hemm xi tip ta' dejn. Gie spjegat li wara li jsir l-awditjar jinhargu l-kopja finali li terga' tghaddi mil-laqgha tal-Kunsill ghall-approvazzjoni. Il-Kunsill kompla jiddiskuta u approva d-dokument ta' l-*unaudited financial statements.*

**10.7 Kwotazzjonijiet**

10.7.1 Kif kien maqbul fil-laqgha precedenti nharget kwotazzjoni ghall-*cameras* madwar il-lokalita' kif kien diskuss precedentament pero' din kienet taqbez il-budget u ghal daqstant ir-rakkomandazzjoni tal-bord kienet li din ghandha terga' tinhareg. Il-Kunsill qabel mar-rakkomandazzjoni tal-bord. Tonio Mifsud talab sabiex il-Kunsilliera jigu infurmati meta jkunu ser jaghlqu il-kwotazzjonijiet / offerti.

10.7.2 Giet trattata l-kwotazzjoni ta' l-immanigjar tat-traffiku fejn kien hemm zewg offerti. Gie spjegat li l-bord ta' l-evalwazzjoni kien issugerixxa li din tigi moghtija lill-orhos wahda. Il-Kunsill qabel mar-rakkomandazzjoni tal-bord.

10.7.3 Il-Vici Sindku staqsa jekk is-survey dwar l-immanigjar tat-traffiku jistax jsir mill-Kunsill innifsu pero' gie spjegat li dan irid isir b'mod professjonali. Is-Sindku spjega li l-istudju jrid isir din is-sena u l-implimentazzjoni ssir is-sena id-diehla. Tonio Mifsud qal li huma importanti li jsir l-immanigjar tat-traffiku fiz-zona tal-Fgura fejn huma insista li jsiru *traffic lights* bid-dwal. Il-Kunsill qabel li ghandha tintghat *reminder* lit-Transport Malta.

10.7.4 Giet trattata kwotazzjoni mitluba mill-Kunsill lill-kuntrattur responsabbli mill-istreaming tal-cameras fejn wara l-bdil li kien hemm fil-ligi ghandhom isiru recordings tas-seduti u jkunu disponibbli *on demand* fuq il-website. Giet moqrija il-kwotazzjoni fejn il-Kunsill qabel li ghandu jiehu l-passi biex jinstalla l-appart mehtieg. Is-Sindku gibed l-attenzjoni li minkejja li kien hemm zieda fil-budget tal-Kunsill mis-sena l-ohra kien hemm zidied obligatori li kienu diga jaqbzu din iz-zieda.

**10.8 Attivitajiet ta' l-Ewwel Kwart**

10.8.1 Is-Sindku spjega li wahda mill-attivitajiet ippjanti ghall-ewwel kwart ta' din is-

sena kienet il-'Fly to Smile' pero s'issa l-Kunsill ma kellux sponsor li setgha jghin biex titella' din l-attivita'. Gie spjegat ukoll li sabiex titella' attivita' ta' din ix-xorta l-Kunsill kien jehtieg sponsor peress li mill-fondi tieghu biss dan ma setax ikun possibli. Tonio Mifsud issugerixxa li jkun hemm partecipanti Malti li jtellghu din l-attivita' u tkun bi hlas. Gie spjegat li l-flus li jitlobu jkunu ammonti kbar li sfortuntament minghajr ghajnuna ta' sponsor dawn ma jkunux jistghu jsiru. Tonio Mifsud issugerixxa ukoll li jkun hemm gruppi tal-*gliding* li jippartecipaw u li dawn kull ma jitolbu huwa l-hlas tal-vapur. Huwa talab lis-Sindku sabiex ikun jista' jaghmel kuntatt maghhom. Is-Sindku ikkonferma li jista' jara x'inhi t-talba taghhom u x'lesti li joffru sabiex din terga' tigi diskussa.

10.8.2 Is-Sindku qal li ghall-attivita' tal-Karnival u ta' l-Infiorata l-Kunsill kien inghata sponsor minghand il-Ministeru ghal Ghawdex. Is-sindku irringrazzja lill-Onorevoli Ministru Clint Camilleri tal-ghajnuna.

**10.9 Progetti u Xogholijiet**

10.9.1 Is-Sindku rrefera ghax-xogholijiet fi Triq il-Madonna tal-Virtut fejn il-kuntrattur kien ser ikun qed jaghmel ix-xogholijiet f'din it-triq skond il-Framework Agreement ta' l-2013. Huwa spjega ukoll li l-ammonti tat-toroq l-ohra jridu jigi aggornati skond ir-rati ta' l-offerta' sabiex wara l-Kunsill jaghmel it-talba lill-Ministeru ghal Ghawdex. Apparti dawn kien hemm ukoll xi spejjez ohra relatati max-xogholijet tal-Water Services Corporation fejn irid isir bdil ta' xi mains liema spejjez iridu jithallsu mill-Kunsill.

**10.10 *Full-Time Clerk* u approvazzjoni tal-Haddiema CIES**

10.10.1 Is-Sindku qal li l-ufficju hass il-htiega li jkun hemm skrivan/a fuq bazi full-time. Giet dikussa din il-materja fejn il-Kunsill qabel li ghandha ssir il-procedura biex ikun hemm skrivan/a fuq bazi full-time.

10.10.2 Is-Sindku qal li saru l-bordijiet ta' l-iskema ta' CIES kienu ghazlu zewg persuni mill-istess bord li kien fuq l-ingagg ta' l-iskrivan tal-Kunsill. Gie spjegat li persuna minnhom kienet ser tkun fir-receiption ma' tal-LESA u tghin lill-Kunsill u l-ohra kienet ser tkun qeghda cleaner. Tonio Mifsud staqsa kif kienet saret il-procedura fejn is-Sindku ta' spjegazzjoni taghha. Tkompliet id-diskussjoni fejn il-Kunsill qabel unanimament mar-rakkomandazzjoni tal-bord dwar l-inagg ta'dawn iz-zewg persuni.

10.10.3 Tonio Mifsud staqsa lis-Sindku sabiex lil Joseph Mizzi jinghatawlu r-responsabilitajiet li kellu. Is-Sindku talbu sabiex jaghmel mistoqsija ghal-laqgha li jmiss u tigi diskussa dak il-hin.

**10.11 Skeda ta' Pagamenti**

10.11.1 L-Iskeda tal-Pagamenti giet approvata unanimament mill-Kunsill.

**10.12 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss.**

10.12.1 Il-laqgha li jmiss ser tinzamm nhar il-Hamis, 26 ta' Marzu 2020 fit-8.00am.

10.12.2 Il-laqgha spiccat fl-10.05am.

Konfermati minn

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| David Apap Agius | Emily Amatulli-Depasquale |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |